



**KUNSILL  
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 11 ta' Ġunju 2013  
(OR. en)**

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2013/0162 (COD)**

---

**10471/13  
ADD 1**

**CULT 70  
MI 501  
ENFOPOL 172  
ENFOCUSTOM 103  
UD 121  
CODEC 1323**

**NOTA TA' TRASMISSJONI**

---

minn: Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat  
mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur

data meta waslet: 31 ta' Mejju 2013

lil: Is-Sur Uwe CORSEPIUS, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni  
Ewropea

---

Nru dok. Cion: SWD(2013) 188 final

---

Suġġett: DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI  
SOMMARJU TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT  
li jakkumpanja d-dokument Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew  
u tal-Kunsill dwar ir-ritorn ta' oġġetti kulturali illegalment imneħħija mit-  
territorju ta' Stat Membru

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument SWD(2013) 188 final.

---

Mehmuż: SWD(2013) 188 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 30.5.2013  
SWD(2013) 188 final

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI**

**SOMMARJU TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT**

*li jakkumpanja d-dokument*

**Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-ritorn ta' oġġetti kulturali illegalment imneħħija mit-territorju ta' Stat Membru (Riformulazzjoni)**

{COM(2013) 311 final}  
{SWD(2013) 189 final}

# DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

## SOMMARJU TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

### *li jakkumpanja d-dokument*

#### **Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-ritorn ta' oġġetti kulturali illegalment imneħħija mit-territorju ta' Stat Membru (Riformulazzjoni)**

#### **1. DEFINIZZJONI TAL-PROBLEMA**

Id-Direttiva 93/7/KEE tal-15 ta' Marzu 1993 fuq ir-ritorn ta' oġġetti ta' kultura illegalment imneħħija mit-territorju ta' Stat Membru<sup>1</sup> hija maħsuba sabiex tiggarrantixxi r-ritorn ta' ċerti teżori nazzjonali li tneħħew illegalment mit-territorju ta' Stat Membru mill-1 ta' Jannar 1993.

L-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għad-Direttiva (minn issa 'l quddiem "awtoritajiet ċentrali") iquisu lil din id-Direttiva bħala strument meħtieġ għall-protezzjoni tal-wirt nazzjonali. Madankollu, dawn l-awtoritajiet jikkritikaw l-effikaċja limitata tad-Direttiva fir-rigward tal-ksib tar-ritorn ta' ċerti oġġetti kulturali kklassifikati bħala "patrimonju nazzjonali ta' valur artistiku, storiku jew arkeoloġiku" skont il-liġi jew il-proċeduri amministrattivi nazzjonali fil-kuntest tat-tifsira tal-Artikolu 36 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (minn issa 'l quddiem "teżori nazzjonali").

Il-valutazzjoni tal-impatt tidentifika tliet kawżi prinċipali:

1. il-kundizzjonijiet imposti fuq l-oġġetti kklassifikati bħala "teżori nazzjonali" sabiex dawn jiġu rritornati, jiġifieri li jkunu jappartjenu wkoll għal waħda mill-15-il kategorija msemmija fl-Anness (fosthom l-oġġetti arkeoloġiċi, stampi, pitturi, inċiżjonijiet jew arkivji) u li jaqbżu l-livell limitu tal-età minima (ta' 50, 75 jew 100 sena) u/jew livell limitu minimu finanzjarju (valur ta' EUR 15 000, EUR 30 000, EUR 50 000 jew EUR 150 000).
2. il-perjodu qasir ta' sena għall-proċeduri ta' ritorn.
3. il-kost tal-kumpens lill-possessur. Id-Direttiva tipprevedi li l-qorti tagħti kumpens lill-possessur jekk hu jkun aġixxa bid-diliġenza meħtieġa matul l-akkwist tal-oġġett. Matul l-applikazzjoni fl-Istati Membri, l-għoti tal-kumpens (u/jew l-ammont tiegħu) jista' jkun suġġett għal deċiżjonijiet differenti f'ċirkostanzi simili. Din id-dispożizzjoni tkun sors ta' ambigwità u tista' tagħmel ir-ritorn tal-oġġett aktar diffiċli, jew saħansitra impossibbli għal ċerti Stati Membri.

Fid-dawl tad-diffikultajiet li jaffrontaw meta jirritornaw l-oġġetti, l-awtoritajiet nazzjonali spiss ikollhom bżonn jirrikorru għall-mekkaniżmi previsti mill-Konvenzjoni internazzjonali

<sup>1</sup> Id-Direttiva 93/7/KEE tal-Kunsill, tal-15 ta' Marzu 1993 fuq ir-ritorn ta' oġġetti ta' kultura illegalment imneħħija mit-territorju ta' Stat Membru, ĠU L 74, 27.3.1993, p. 74, emendata permezz tad-Direttiva 96/100/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Frar 1997, ĠU L 60, 1.3.1997, p. 59, u permezz tad-Direttiva 2001/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2001, ĠU L 187, 10.7.2001, p. 43.

tal-UNESCO tal-1970 dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu sabiex jiġu pprojbati u pprevenuti l-importazzjoni, l-esportazzjoni u t-trasferiment illegali tas-sjieda tal-oġġetti kulturali u/jew għal dawk tal-Konvenzjoni ta' UNIDROIT tal-1995 dwar l-oġġetti kulturali misruqa jew esportati illegalment<sup>2</sup>.

## 2. ANALIŻI TAS-SUSSIDJARJETÀ

L-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jippermetti li l-Unjoni tadotta miżuri sabiex tiffaċilita l-funzjonament tas-suq intern tal-oġġetti, fosthom l-oġġetti kulturali.

Mod kif il-funzjonament tas-suq jiġi ffaċilitat huwa dak li jiġu stabbiliti regoli dwar ir-ritorn tal-oġġetti. Madankollu l-Unjoni Ewropea mhijiex kompetenti biex tiddefinixxi t-teżori nazzjonali jew biex tiddetermina t-tipi ta' qrati nazzjonali kompetenti li għandhom jiġu nnotifikati bir-ritorn.

Minħabba li kull azzjoni individwali ta' ritorn li ssir mill-Istati Membri tista' tiġi affettwata mir-regoli nazzjonali differenti, il-ħolqien ta' suq intern kien akkumpanjat mill-adozzjoni tad-Direttiva 93/7/KEE.

Id-dimensjoni transfruntiera tal-ħruġ illegali tal-oġġetti kulturali tfisser li l-UE tinsab f'qagħda aħjar biex tieħu azzjoni fir-rigward ta' dawn l-aspetti u tippermetti r-ritorn ta' oġġetti li jkunu nħarġu illegalment u li jkunu f'territorju ta' Stat Membru. Matul il-konsultazzjoni pubblika, il-maġġoranza prinċipali tal-awtoritajiet ċentrali u r-rappreżentanti tas-settur pubbliku esprimew l-appoġġ tagħhom għall-azzjoni tal-UE biex titjeb is-sistema ta' ritorn tal-oġġetti kklassifikati bħala "teżori nazzjonali". Min-naħa l-oħra, il-maġġoranza taċ-ċittadini u tal-operaturi privati ma jqisux li huwa neċessarju li jirrikorru għal azzjoni tal-UE biex ikun garantit ir-ritorn tal-oġġetti kulturali kklassifikati bħala "teżori nazzjonali".

## 3. GĦANIJIET

L-għan ġenerali ta' din l-inizjattiva huwa dak li tikkontribwixxi għall-protezzjoni tal-oġġetti kulturali fil-kuntest tas-suq intern. L-għan speċifiku huwa dak li tippermetti lill-Istati Membri jiksbu r-ritorn tal-oġġetti kulturali kklassifikati bħala "teżori nazzjonali" li jkunu nħarġu illegalment mit-territorju tagħhom mill-1993 'il quddiem.

L-għanijiet operazzjonali ta' din l-inizjattiva huma dawk li żżid l-għadd ta' azzjonijiet ta' ritorn tal-oġġetti kklassifikati bħala "teżori nazzjonali" u li jonqos il-kost ta' dan ir-ritorn.

Dawn l-għanijiet huma konformi mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea tat-13 u l-14 ta' Diċembru 2011 li jirrakomandaw li l-Kummissjoni tipprovdi l-appoġġ tagħha lill-Istati Membri sabiex jipproteġu b'mod effikaċi l-oġġetti kulturali bil-għan li jipprevjenu u jiġġieldu kontra l-kummerċ illegali u, fejn xieraq, jippromwovu miżuri addizzjonali.

---

<sup>2</sup> Dawn il-Konvenzjonijiet ma ġewx irratifikati mill-Istati Membri kollha tal-Unjoni: il-Konvenzjoni tal-UNESCO tal-1970 ġiet irratifikata minn 22 Stat Membru u dik tal-UNIDROIT tal-1995 minn 13-il Stat Membru.

#### 4. GĦAŻLIET POSSIBBLI

L-għażliet strateġiċi ġew żviluppati abbażi tal-preżunzjonijiet stabbiliti hawn taħt:

- iċ-ċirkulazzjoni ħielsa tal-oġġetti kulturali tikkostitwixxi prinċipju fundamentali rikonoxxut mit-Trattat (TFUE). Dan it-Trattat jirrikonoxxi wkoll id-dritt tal-Istati Membri li jillimitaw din il-libertà sabiex jiproteġu l-oġġetti kulturali kklassifikati bħala "teżori nazzjonali";
- id-definizzjoni ta' dak li jkopri l-kunċett ta' "teżor nazzjonali", kif ukoll il-miżuri ta' protezzjoni marbuta jibqgħu prerogattiva għal kull Stat Membru;
- huwa biss l-Istat Membru li huwa intitolat li jibda l-proċedura ta' ritorn irrispettivament min-natura tas-sjieda tal-oġġett (pubblika jew privata);
- id-Direttiva mhijiex marbuta ma' aspetti li jikkonċernaw is-sjieda tal-oġġett li għalih tkun saret talba ta' ritorn u għalhekk hija konformi mal-Artikolu 345 tat-TFUE.

Ir-rapport ma analizzax l-għażliet li ma jaqgħux taħt il-kompetenzi tal-UE jew li mhumiex konformi mar-regoli tat-Trattat (TFUE).

Minbarra x-xenarju ta' referenza "*status quo*" (għażla 1), ġew eżaminati l-għażliet li ġejjin<sup>3</sup>:

#### **Għażla 2: Il-promozzjoni tal-użu ta' għodda komuni bejn l-awtoritajiet ċentrali**

Il-Kummissjoni tippromovi l-użu ta' għodda informatika biex ittejjeb il-kooperazzjoni amministrattiva u d-djalogo bejn l-awtoritajiet ċentrali.

#### **Għażla 3: Ir-reviżjoni tad-Direttiva 93/7/KEE**

Id-Direttiva 93/7/KEE, kif emendata bid-Direttivi 96/100/KE u 2001/38/KE, tiġi riveduta sabiex i) testendi l-kamp ta' applikazzjoni tagħha għall-oġġetti kollha kklassifikati bħala "teżori nazzjonali" mill-Istati Membri; ii) testendi l-perjodi limitati għall-proċeduri ta' ritorn u sabiex jiġi vverifikat jekk l-oġġett misjub huwiex oġġett kulturali, u iii) tallinja l-kundizzjonijiet b'rabta mal-kumpens tal-possessur.

#### **Għażla 4: It-tħeġġiġ tar-ratifika u l-implimentazzjoni, min-naħa tal-Istati Membri, tal-Konvenzjoni tal-UNESCO tal-1970 dwar l-oġġetti kulturali**

Il-Kummissjoni tnedi kampanja ta' informazzjoni bil-għan li tqajjem kuxjenza, fl-Istati Membri, favur ir-ratifika jew ukoll l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tal-UNESCO tal-1970<sup>4</sup>.

<sup>3</sup> Għażliet oħra bħal : i) ir-ratifika min-naħa tal-Unjoni tal-Konvenzjoni tal-UNESCO tal-1970 u dik ta' UNIDROIT tal-1995; ii) id-definizzjoni ta' strateġija tal-Unjoni li għandha bħala għan ir-ratifika, min-naħa tal-Istati Membri kollha tal-Konvenzjoni ta' UNIDROIT, iii) is-sostituzzjoni tad-Direttiva 93/7/KEE permezz ta' Regolament u iv) it-tħassir tad-Direttiva 93/7/KEE, twarrbu sa mill-ewwel stadji ta' eżaminazzjoni tas-soluzzjonijiet differenti possibbli minħabba raġunijiet ta' fattibilità.

<sup>4</sup> Is-sit tal-UNESCO jinkludi informazzjoni ddettaljata dwar l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tal-UNESCO tal-1970 għat-22 Stat Membru u l-miżuri li ttieħdu għall-ġlieda kontra t-traffikar illegali <http://www.unesco.org/new/fr/culture/themes/movable-heritage-and-museums/illicit-traffic-of-cultural-property/1970-convention/examination-of-national-reports/#c280797>

## 5. VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Fil-prinċipju, l-ebda għażla deskritta hawn fuq ma għandha effett fuq il-ħolqien tax-xogħlijiet, l-ambjent, il-kompetittività jew il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

Dawn l-għażliet għandhom impatt fuq il-protezzjoni tal-wirt kulturali nazzjonali minħabba li l-eżistenza ta' mekkaniżmi effikaċi ta' ritorn hija kundizzjoni importanti għal tali protezzjoni.

L-għażliet 1, 2 u 3 għandhom ukoll impatt fuq il-funzjonament tajjeb tas-suq intern għax jikkontribwixxu għar-rikonċiljazzjoni tal-moviment ħieles tal-oġġetti kulturali mal-protezzjoni tat-teżori nazzjonali. L-għażla 3 x'aktarx tħalli impatt fuq ċerti partijiet interessati fis-suq tal-arti, bħall-bejjiegħa tal-antikwarjat jew il-postijiet ta' rkant, li l-maġġoranza tagħhom huma intrapriżi żgħar u medji.

L-analiżi tal-għażliet hija, b'mod partikolari, ta' natura kwalitattiva.

### 5.1. Għażla 1: Xenarju ta' referenza "status quo"

Din l-għażla tfisser li ma tittiħidx azzjoni dwar talbiet mill-awtoritajiet ċentrali sabiex id-Direttiva ssir strument aktar effikaċi għar-ritorn ta' kwalunkwe oġġett ikklassifikat bħala "teżor nazzjonali".

It-tweġibiet għall-konsultazzjoni pubblika juru li 61.02 % ta' dawk li wiegħbu mis-settur privat huma tal-fehma li d-Direttiva tipprovdi tweġiba xierqa għall-ħtiġijiet tal-Istati Membri fir-rigward tar-ritorn tat-teżori nazzjonali. Min-naħa l-oħra, 20.83 % biss tar-rappreżentanti tas-settur pubbliku huma tal-istess fehma.

Il-Kummissjoni ma għandhiex informazzjoni ġenerali dwar il-kostijiet operazzjonali marbuta mal-applikazzjoni tad-Direttiva. Il-kost amministrattiv marbut mat-tfassil tar-rapport dwar l-infurzar tad-Direttiva kull tliet snin huwa stmat li hu ta' EUR 55 000, li jirrappreżenta kost annwali ta' madwar EUR 18 000<sup>5</sup>.

### 5.2. Għażla 2: Il-promozzjoni tal-użu ta' għodda komuni bejn l-awtoritajiet ċentrali

F'evalwazzjonijiet preċedenti tad-Direttiva, l-awtoritajiet ċentrali nnutaw titjib proressiv iżda dawn l-awtoritajiet jirrappurtaw li l-kuntatti tagħhom huma f'it li xejn strutturati, u dan partikolarment minħabba nuqqas ta' sistema ta' konsultazzjoni komuni u ostakoli lingwistiċi.

Din l-għażla tinvolvi l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (minn hawn 'il quddiem "IMI") sabiex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni amministrattiva u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet ċentrali. Din l-għodda għet żviluppata mill-Kummissjoni, hija aċċessibbli onlajn u ma teħtieġx l-istallazzjoni ta' softwer. Hija applikazzjoni sigura u multilingwi li tippermetti l-iskambju rapidu ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti. Tinkludi sistema ta' notifikati elettroniki, formoli standard fil-lingwi kollha, lista ta' mistoqsijiet/tweġibiet tradotti minn qabel, għodda tat-traduzzjoni awtomatika inkorporata fis-sistema u mekkaniżmu għall-monitoraġġ tat-talbiet sottomessi.

L-użu tal-IMI jkun jeħtieġ l-iżvilupp ta' modulu *ad hoc* adattat għall-bżonnijiet tad-Direttiva.

<sup>5</sup> <http://adminburden.sg.cec.eu.int/calculator.aspx>

Għodda tali għandha tiffaċilita l-applikazzjoni tad-Direttiva u tħalli impatt pożittiv fuq l-għadd ta' azzjonijiet ta' ritorn, b'mod partikolari dawk organizzati fuq bażi amikevoli.

Matul il-konsultazzjoni pubblika, terz tar-rappreżentanti tas-settur pubbliku kkunsidra li t-tiżiħ tal-kooperazzjoni amministrattiva u l-konsultazzjoni kienet l-aqwa soluzzjoni sabiex jiġi ffaċilitat ir-ritorn tat-teżori nazzjonali. Madankollu, 61.02 % tar-rappreżentanti tas-settur privat kienu tal-fehma li s-sitwazzjoni eżistenti ma għandhiex tinbidel u li ma kienx hemm il-bżonn ta' tiżiħ fil-kooperazzjoni għar-ritorn tat-teżori nazzjonali.

Il-kostijiet tal-iżvilupp ta' modulu *ad hoc*, u tal-użu u ż-żamma tas-sistema IMI jkunu koperti bil-baġit tal-Unjoni. Il-Kummissjoni tkun ukoll responsabbli għall-organizzazzjoni tas-sessjonijiet ta' taħriġ meħtieġa għat-tnedija tal-modulu u għas-suċċess fit-tul.

Il-kostijiet marbuta mal-operazzjonijiet IMI, inkluż il-kost tar-riżorsi umani (l-utenti IMI fil-livell nazzjonali għandhom, fil-prinċipju, ikunu wkoll dawk li diġà qiegħdin jieħdu ħsieb dan id-dossier), it-taħriġ għall-utenti differenti, il-promozzjoni u l-assistenza teknika, kif ukoll l-amministrazzjoni tas-sistema fil-livell nazzjonali jkunu jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Istat Membru. Permezz tas-sistema IMI, il-kost amministrattiv marbut mal-obbligu li kull tliet snin jiġi stabbilit rapport nazzjonali dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva jista' jitnaqqas għal EUR 27 500 kull tliet snin; il-kost annwali amministrattiv jkun dak ta' madwar EUR 9 000.

### **5.3. Għażla 3: Reviżjoni tad-Direttiva 93/7/KEE**

Din l-għażla għandha l-għan li tirrevedi d-dispożittiv attwali, u fl-istess ħin tikkonsolida d-Direttiva 93/7/KEE, kif emendata bid-Direttivi 96/100/KE u 2001/38/KE.

Fil-prinċipju din l-għażla tista' ssolvi l-kawżi prinċipali tan-nuqqas ta' effikaċja tad-Direttiva sabiex jinkiseb ir-ritorn tat-teżori nazzjonali. Tipprovdi qafas għat-talbiet ripetuti tal-awtoritajiet ċentrali u tkun konformi mar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill Ewropew lill-Kummissjoni, ta' Diċembru 2011, sabiex tipromwovi miżuri addizzjonali u b'hekk tipproteġi b'mod effikaċi l-oġġetti kulturali.

Mill-konsultazzjoni pubblika jidher ċar li l-maġġoranza ta' dawk li wiegħbu mis-settur pubbliku huma tal-fehma li għandha tittieħed azzjoni sabiex jinkiseb l-għan ta' ritorn b'suċċess tat-teżori nazzjonali permezz tar-reviżjoni tad-Direttiva, bħala inizjattiva iżolata jew billi r-reviżjoni tiġi kkumbinata ma' soluzzjonijiet oħrajn, bħat-tiġib tal-kooperazzjoni amministrattiva. Min-naħa l-oħra, 22.03 % biss tat-tweġibiet tas-settur privat kienu favur revizzjoni tad-Direttiva.

#### *5.3.1. L-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva*

L-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva għall-oġġetti kulturali kollha kklassifikati bħala "teżori nazzjonali", mingħajr ma jirrikorru għal kategoriji komuni, għal limiti finanzjarji u/jew tal-età, għandu jkollha impatt pożittiv ħafna fuq il-protezzjoni tal-wirt tal-Istati Membri. Modifika tali tippermetti li l-Istati Membri jitolbu r-ritorn ta' kwalunkwe oġġett kulturali kklassifikat bħala "teżor nazzjonali" li jkun tneħħa illegalment mit-territorju tagħhom mill-1993 'il quddiem.

Il-biża' li l-eliminazzjoni tal-limiti u/jew tal-kategoriji tal-oġġetti jista' jkollha impatt fuq l-għadd ta' talbiet għal ritorn ma għandha bl-ebda mod tkun raġuni biex ikun hemm oppożizzjoni għall-emenda, għaliex iż-żieda fl-għadd ta' azzjonijiet ta' ritorn hija waħda mill-għanijiet ta' din l-inizjattiva.

Il-maġġoranza tal-awtoritajiet ċentrali jaqblu fuq il-ħtieġa li jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva. Jekk l-idea li jitnaqqsu l-limiti finanzjarji kellha appoġġ ġenerali, dik tar-reviżjoni tal-limiti tal-età, taż-żieda tal-kategoriji jew tat-tħassir tal-Anness kellhom rispons ferm anqas tajjeb. Matul il-konsultazzjoni pubblika<sup>6</sup>, ir-rappreżentanti tas-settur pubbliku esprimew il-fehma tagħhom kif ġej: i) 25 % kienu favur it-tnaqqis tal-limiti finanzjarju, ii) 50 % riedu jħassru l-limiti tal-età u iii) 25 % appoġġaw it-tħassir tal-anness.

### 5.3.2. *Żieda fil-perjodi limitati ta' żmien sabiex jinbdew il-proċeduri ta' ritorn u għall-verifika tal-oġġett*

Iż-żieda ta' dawn il-perjodi limitati ta' żmien jirriflettu l-kumplessità tar-relazzjonijiet transfruntiera, mingħajr ma jitwarrab l-obbligu ta' diliġenza li għandu l-Istat tat-talba. Dawn l-emendi jippermettu li l-Istat tat-talba jaġixxi fl-aħjar kundizzjonijiet u, minħabba dan, ikollu aktar opportunitajiet sabiex jikseb ir-ritorn tal-oġġett ikkonċernat.

Emendi bħal dawn għalhekk iħallu impatt pożittiv fuq l-għadd ta' proċeduri ta' ritorn li jistgħu jitwettqu b'suċċess. Minbarra dan, l-eżistenza ta' kundizzjonijiet aktar favorevoli għall-proċeduri ta' ritorn ikollhom effett dissważiv fuq il-possessur tal-oġġett, li jista' jirriżulta f'żieda fl-arranġamenti għal ritorn amikevoli.

Maġġoranza kbira ħafna tal-awtoritajiet ċentrali kif ukoll 80 % tar-rappreżentanti tas-settur pubbliku li ġew mistoqsija dan matul il-konsultazzjoni pubblika, kienu favur iż-żieda fil-perjodi ta' żmien limitati.

### 5.3.3. *Allinjament tal-kundizzjonijiet għall-kumpens*

Sabiex jiġi evitat l-għoti ta' kumpens lil ċerti possessuri li jaġixxu *in mala fede* jew li juru nuqqas ta' diliġenza, huwa meħtieġ li tiġi emendata d-Direttiva sabiex i) jiġu indikati kriterji komuni ta' interpretazzjoni għat-tifsira ta' "diliġenza meħtieġa" min-naħa tal-possessur, u ii) ikun speċifikat li l-possessur irid jagħti prova li uża diliġenza tali meta akkwista l-oġġett.

L-eżistenza ta' kriterji komuni tiffaċilita l-valutazzjoni taċ-ċirkustanzi min-naħa tal-qrati nazzjonali. Minbarra dan, il-fatt li jkun hemm l-oneru tal-provi, jinkoraġġixxi lill-partijiet interessati tas-suq sabiex dejjem jagħmlu l-verifiki utli fir-rigward tal-orijini tal-oġġett, meta jkunu qed jagħmlu akkwist. Dan jiskoraġġixxi l-kummerċ tal-oġġetti b'orijini dubjuża.

Dawn l-emendi jkollhom effett pożittiv ħafna fuq l-għadd ta' azzjonijiet ta' ritorn u fuq il-prevenzjoni u l-għieda kontra l-kummerċ illegali tal-oġġetti kulturali, b'mod partikolari f'dawk l-Istati li l-aktar isofru mill-effetti ta' traffikar illegali.

Il-maġġoranza tal-awtoritajiet ċentrali jqisu li huwa neċessarju li jallinjaw il-kriterji għad-definizzjoni tat-terminu "diliġenza meħtieġa" min-naħa tal-possessur; min-naħa l-oħra, hija biss minoranza li tixtieq li d-Direttiva tispeċifika li l-possessur għandu l-oneru ta' provi sħiħ għal tali diliġenza. Matul il-konsultazzjoni pubblika, 40 % tas-settur pubbliku li kien favur reviżjoni tad-Direttiva xtaq ukoll li jiġu stabbiliti kriterji komuni għad-definizzjoni ta' diliġenza meħtieġa. Madankollu, ma kienx meqjus neċessarju li fid-Direttiva jkun hemm speċifikat min għandu l-oneru tal-provi għad-diliġenza meħtieġa.

<sup>6</sup> [http://ec.europa.eu/enterprise/policies/single-market-goods/internal-market-for-products/cultural-goods/results\\_public\\_consultation\\_cultural\\_goods\\_en.htm](http://ec.europa.eu/enterprise/policies/single-market-goods/internal-market-for-products/cultural-goods/results_public_consultation_cultural_goods_en.htm)

Il-kostijiet tal-implimentazzjoni ta' din l-għażla jkunu essenzjalment dawk relatati mat-traspożizzjoni tad-Direttiva l-ġdida fil-liġijiet nazzjonali.

Il-kost amministrattiv marbut mat-tfassil ta' rapport dwar l-infurzar tad-Direttiva jitnaqqas għal EUR 11 000 kull sena bħala riżultat tal-estensjoni tal-intervall, bejn it-tfassil ta' kull rapport, għal ħames snin.

#### **5.4. Għażla 4: It-tħeġġiġ tar-ratifika u l-implimentazzjoni, min-naħa tal-Istati Membri, tal-Konvenzjoni tal-UNESCO tal-1970**

Il-Kummissjoni tnedi kampanja ta' informazzjoni u li tqajjem kuxjenza mmirata lejn dawk l-Istati Membri li għadhom ma ffirmawx u/jew integrawx il-Konvenzjoni fil-liġi nazzjonali tagħhom.

L-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni min-naħa tal-Istati Membri kollha żżid mekkaniżmu komplimentari ta' rikors għas-sistema stabbilita mid-Direttiva li tiggarrantixxi: i) definizzjoni aktar wiesgħa tal-oġġetti kulturali li għandhom jiġu rritornati; ii) aktar żmien biex jintalab ir-ritorn, u iii) kooperazzjoni aħjar bejn l-awtoritajiet nazzjonali.

Din l-għażla jkollha effett pożittiv fuq il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar illegali, għax il-Konvenzjoni ttiprovdi għal mekkaniżmi li jaffrontaw dan, b'mod partikolari l-ħolqien ta' servizzi nazzjonali speċjali jew l-obbligu li l-bejjiegħa tal-arti jżommu reġistru b'rabta mal-orijini tal-oġġetti. Madankollu, huwa diffiċli li jiġi previst meta se jsiru tali ratifiki u/jew l-adozzjoni tal-liġijiet nazzjonali biex tiġi implimentata l-Konvenzjoni.

Din l-għażla ma ssolvix il-problemi kollha marbuta mar-ritorn tal-oġġetti kklassifikati bħala "teżori nazzjonali" għaliex il-Konvenzjoni tippermetti lill-Istati Membri jirkupraw l-oġġetti kulturali li ġew esportati illegalment biss meta tali azzjoni tkun kompatibbli mal-liġi tal-Istat fejn ikun jinsab l-oġġett. Fir-rigward tal-kumpens lill-possessur, il-Konvenzjoni tippredvi li l-Istat tat-talba jħallas kumpens lil kwalunkwe persuna li tkun akkwistat l-oġġett *in bona fede* jew li tkun is-sid legali tiegħu. Matul il-konsultazzjoni pubblika, 16 % tal-parteċipanti tas-settur pubbliku u 27 % tal-parteċipanti tas-settur privat iddikjaraw li huma favur din l-għażla li fiha jiżdied l-għadd ta' azzjonijiet ta' ritorn tat-teżori nazzjonali.

Skont l-informazzjoni disponibbli, il-kost minimu ta' kampanja ta' informazzjoni u li tqajjem kuxjenza fl-Istati Membri kollha huwa dak ta' bejn EUR 500 000 sa 1 miljun.

L-obbligu li jitfassal tali rapport dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva jwassal sabiex il-kost amministrattiv ta' tali għażla jkun jaqbel max-xenarju ta' referenza.

## **6. TQABBIL TAL-GĦAŻLIET**

It-tabella komparattiva li ġejja turi l-impatti kwalitattivi tal-għażliet differenti fil-qosor:

*Tabella komparattiva tal-għażliet*

	<b>Għażla 1</b>	<b>Għażla 2</b>	<b>Għażla 3</b>	<b>Għażla 4</b>
	<i>Status quo</i>	Il-promozzjoni tal-użu ta' għodda komuni bejn l-	Reviżjoni tad-Direttiva 93/7/KEE	It-tħeġġiġ tar-ratifika u l-implimentazzjoni tal-UNESCO, min-naħa tal-Istati

		awtoritajiet ċentrali		Membri
Jiżdied l-għadd ta' azzjonijiet ta' ritorn	0	+	++	+
Tnaqqis fil-kostijiet tar-ritorn	0	+	++	0
Effikaċja	0	+	++	+
Effiċjenza	0	+	++	-
Konsistenza mal-politiki l-oħrajn tal-Unjoni	0	+	++	+

NB: Nota : pożittiva ħafna (++) ; pożittiva (+) ; newtrali (0); negattiva (-).

- L-għażla 1 li tirrappreżenta s-sitwazzjoni legali attwali għandha tiġi rrifjutata. Fil-fatt, l-evalwazzjoni tad-Direttiva 93/7/KEE uriet l-effikaċja limitata tagħha fil-konfront tal-ksib tar-ritorn ta' oġġetti kklassifikati bħala "teżori nazzjonali".
- L-għażla 2 iżżid b'mod effikaċi l-għadd ta' azzjonijiet ta' ritorn, b'mod partikolari dawk li jsiru amikevolment, permezz ta' infurzar imsaħħaħ tad-Direttiva.

Din l-għażla hija daqstant ieħor effiċjenti minħabba li l-maġġoranza tal-kostijiet tas-sistema ta' informazzjoni tas-suq intern ikunu koperti mill-baġit tal-Unjoni. Din l-għażla tkun konsistenti mal-istrateġija mmirata lejn it-titjib tat-tmexxija tas-suq intern billi ssaħħaħ il-kooperazzjoni amministrattiva u tkun konsistenti wkoll mar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, tat-13 u l-14 ta' Diċembru 2011, sabiex jiġu adottati l-miżuri biex tkun appoġġjata l-azzjoni tal-Istati Membri favur il-protezzjoni tal-wirt tagħhom.

Din l-għażla tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-piż amministrattiv b'50 % minħabba li tiffaċilita l-għbir tad-dejta meħtieġa biex jitfasslu r-rapporti dwar l-infurzar tad-Direttiva, li jirrappreżenta tnaqqis annwali ta' madwar EUR 9 000 meta mqabbel ma' EUR 18 000 tax-xenarju ta' referenza.

- L-għażla 3 tidher l-aktar waħda effikaċi biex iżżid l-għadd ta' azzjonijiet ta' ritorn u tnaqqas il-kostijiet tagħhom.

Id-Direttiva għandha tiġi emendata sabiex testendi l-kamp ta' applikazzjoni tagħha għall-oġġetti kollha kklassifikati bħala "teżori nazzjonali", li jwassal għat-tneħħija tal-obbligu ta' appartenenza għal waħda mill-kategoriji fl-Anness, għal kollezzjonijiet pubbliċi jew għal inventarji tal-istituzzjonijiet ekkleżjastiċi. Minbarra dan, l-Istat Membru tat-talba jista' jitlob ir-ritorn f'kundizzjonijiet aktar favorevoli u għandu jħallas kumpens biss lill-possessuri li jagħtu prova li aġixxew bid-diliġenza meħtieġa meta akkwistaw l-oġġett. Din l-għażla, imbagħad, ikollha impatt partikolarment pożittiv fuq l-Istati Membri li l-wirt tagħhom ikun l-aktar milqut mill-kummerċ illegali.

Din l-għażla tkun ukoll kompletament konformi mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ta' Diċembru 2011 u mal-konklużjonijiet miksuba mill-evalwazzjonijiet tad-Direttiva.

Barra minn dan, ir-reviżjoni tkun ukoll opportunità li tissimplifika l-liġi tal-UE f'dan il-qasam permezz ta' riformulazzjoni tad-Direttiva 93/7/KEE, kif emendata bid-Direttivi 96/100/KE u 2001/38/KE.

Preferenza għal din l-għażla twassal, fil-prinċipju, għal kostijiet marbuta mat-traspożizzjoni tad-Direttiva l-għdida, u b'hekk tagħmilha aktar effiċjenti meta mqabbla mal-għanijiet maħsuba.

L-estensjoni tal-intervalli tar-rapporti dwar l-infurzar tad-Direttiva għal ħames snin inaqqas il-kost amministrattiv b'madwar EUR 7 000 fis-sena, jiġifieri d-differenza bejn EUR 18 000 u EUR 11 000.

- l-għażla 4 effettivament iżżid l-għadd ta' azzjonijiet ta' ritorn iżda jkollha effett newtru fuq il-kost ta' dawn l-azzjonijiet.

Din l-għażla tkun konformi mar-rakomandazzjoni ta' Diċembru 2011, min-naħa tal-Kunsill tal-Unjoni lill-Istati Membri, sabiex jikkunsidraw ir-ratifika tal-Konvenzjoni flimkien ma' aktar kooperazzjoni mal-UNESCO fil-prevenzjoni tal-kummerċ illegali tal-oġġetti kulturali.

Il-kostijiet stmati tat-tnejja tal-kampanja jidhru għoljin wisq meta mqabbla mal-inċertezza tal-ksib tal-għanijiet. Fil-fatt, ir-ratifika u/jew l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni min-naħa tal-Istati Membri jiddependu mill-*bona fede* ta' kull Stat Membru. Minbarra dan, l-impatt ta' din l-għażla fuq it-tnaqqis tal-kostijiet, prinċipalment daww marbuta mal-kumpens għall-possessur u mal-piż amministrattiv, għandu jkun wieħed newtrali.

Fid-dawl tal-analiżi komparattiva ta' hawn fuq, qed jiġi ssuġġerit li l-approċċ li jittieħed jiġbor flimkien iż-żewġ għażliet strateġiċi li joffru l-aktar impatt pożittiv sabiex jiżded l-għadd ta' azzjonijiet ta' ritorn u jitnaqqsu l-kostijiet relatati:

- Għażla 3: Reviżjoni tad-Direttiva 93/7/KEE sabiex jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni għall-oġġetti kollha kklassifikati bħala "teżori nazzjonali", estensjoni tal-perjodi limitati ta' żmien għall-verifika u l-perjodu limitat ta' żmien biex jinbdew il-proċeduri ta' ritorn, u l-allinjament tal-kundizzjonijiet għall-kumpens tal-possessur.
- Għażla 2: Promozzjoni tal-użu ta' sistema ta' informazzjoni tas-suq intern bejn l-awtoritajiet ċentrali sabiex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni amministrattiva u l-konsultazzjoni matul l-implimentazzjoni tad-Direttiva.

Din l-għażla għandha tibni fuq l-inviti tal-Kunsill tal-Unjoni, ta' Diċembru 2011 biex, fejn xieraq, jiġu adottati miżuri supplimentari u fuq it-talbiet tal-awtoritajiet ċentrali. Minbarra dan, terz tar-rappreżentanti tal-awtoritajiet u l-korpi pubbliċi esprimew il-preferenza tagħhom għal approċċ ikkombinat matul il-konsultazzjoni pubblika.

L-approċċ ikkombinat għandu jippermetti li jonqsu aktar il-kostijiet amministrattivi marbuta mat-tfassil tar-rapport dwar l-infurzar tad-Direttiva għal EUR 5 500 fis-sena, meta mqabbel ma' kost amministrattiv annwali ta' EUR 18 000 fix-xenarju ta' referenza.

## 7. MONITORAĠĠ U EVALWAZZJONI

L-approċċ ippreferut (l-għażliet 2 u 3 ikkombinati flimkien) se jiġi applikat permezz ta' proposta għar-riformulazzjoni tad-Direttiva 93/7/KEE, li għandha tiġi adottata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja.

L-organizzazzjoni ta' sistema għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tad-Direttiva l-għdida għandha, l-ewwel nett, tinvolvi verifika tal-konformità tal-miżuri nazzjonali ta' traspożizzjoni, li għandhom jitwettqu mill-Kummissjoni. Dan il-monitoraġġ għandu jiġi akkumpanjat minn rapport ta' evalwazzjoni dwar l-infurzar tad-Direttiva l-għdida wara l-ewwel ħames snin ta' applikazzjoni. Il-Kummissjoni għandha tfassal dan ir-rapport abbażi ta' rapporti ta' applikazzjoni fuq ħames snin tal-Istati Membri u tibagħtu lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.

L-evalwazzjoni tal-effikaċja tad-Direttiva riveduta għandha tkun imkejla abbażi ta' għadd ta' indikaturi, inkluż l-għadd ta' proċeduri ta' ritorn li tressqu quddiem il-qorti nazzjonali, il-każijiet ta' ritorn ordnati permezz ta' deċiżjoni tal-qorti u wara negozjati amikevoli, jew il-monitoraġġ ta' talbiet għal kooperazzjoni amministrattiva bejn l-awtoritajiet ċentrali.